MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1424/2010

**Datax Limited**
**Vs**
**Price Breakers Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf u erbatax-il ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,014.45), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-merkanzija ordnata mis-socjeta' konvenuta u debitament lilha kkonsenjata, liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 7363/09 tal-15 ta' Dicembru, 2009 u 1421/10 tat-3 ta' Gunju, 2010 u l-imghax legali mill-15 ta' Dicembru, 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta hallset l-ammont dovut minkejja li xorta wahda ghamilha cara li l-oggett ikkunsinjat lilha fih difett, u konsegwentement hu d-drittt tieghu li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Alan Vella, Mario Caruana, ra x-xhieda bl-affidavit ta' Stephen Saliba.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li din il-kawza titratta dwar hlas ta' fatturi rapprezentanti merkanzija konsinjata lis-socjeta' konvenuta u li taghhom baqghet ma thallsitx. Illi mill-provi jirrizulta li l-ammont fit-talba ta' elf u erbatax-il ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,014.45) jirraprezentaw diversi fatturi datati bejn 22 ta' Settembru, 2009 u l-24 ta' Settembru, 2009. Illi kien hemm tentattiv ta' hlas da parti tas-socjeta' konvenuta f'Jannar tal-2010, izda s-socjeta' attrici kienet irrifjutat dan il-hlas fl-ammont ta' seba' mija wiehed u disghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€791.41), ghaliex ma kienx ghas-saldu tal-ammont mitlub skont ittra ufficjali pprezentata lis-socjeta' konvenuta u cioe' l-ammont tat-talba odjerna.

Jirrizulta mill-provi li fil-11 ta' Jannar, 2008 s-socjeta' konvenuta xtrat *printer* tad-ditta Canon u affarijiet ohra fis-somma ta'mitejn wiehed u disghin ewro (€291) (Dok 'AV2', a fol. 13). Dan il-*printer* irrizulta mhallas skont l-istess fattura, ezebita a fol. 13, fit-22 ta' Lulju, 2009. Illi din il-fattura kienet thallset mis-socjeta' konvenuta sena u nofs wara l-konsenja, izda wara ftit zmien is-socjeta' konvenuta bdiet tilmenta li l-oggett mibjugh lilhom kien difettuz. Illi konsegwentement, is-socjeta' konvenuta waqfet milli thallas fatturi sussegwenti li ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-istess konsenja u li kienu f'ammonti ferm ikbar, ghaliex ippretendiet illi tiehu l-flus lura tal-*printer* li tieghu kellha lment dwaru. Illi ghal habta tal-bidu ta'

Jannar, 2010 s-socjeta’ konvenuta kienet ipprezentat cekk ta’ seba’ mija wiehed u disghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€791.41) lis-socjeta’ attrici izda din ma riedetx taccetta s-somma izda riedet tithallas ghall-fatturi kollha.

Illi jirrizulta lit-Tribunal li t-talba odjerna tirrigwarda biss fatturi rapprezentanti merkanzija konsinjata u accettata mis-socjeta’ konvenuta u ma kien hemm ebda lment dwar il-merkanzija ta’ dawn il-fatturi.

It-Tribunal ra li s-socjeta’ konvenuta kellha certi lmenti dwar il-*printer* mibjugh lilha f’Jannar tal-2008, u cioe’ oltre sena u nofs wara l-kunsinja tal-prodott u liema prodott kien ukoll thallas fit-22 ta’ Lulju, 2009. Illi wara dan iz-zmien, is-socjeta’ konvenuta dehrilha li ma thallasx il-fatturi sussegwenti li kienu jammontaw f’ammont ferm akbar mill-ammont tal-*printer*.  Illi kienet il-fehma tas-socjeta’ konvenuta illi zzomm is-somma ta’ mitejn tlieta u ghoxrin ewro u hames centezmi (€223.05) rapprezentanti l-*printer* allegatament difettuz mill-pagamenti dovuti minnha lis-socjeta’ atttrici. Is-socjeta’ attrici irrifjutat li taccetta dan il-pagament ta’ seba’ mija wiehed u disghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€791.41) u ppretendiet li tithallas l-ammont ghas-saldu tal-fatturi kollha dovuti.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li meta xerrej m’huwiex sodisfatt mill-oggett mibjugh lilu huwa ghandu rimedji ohra skont il-ligi. Illi jekk lis-socjeta’ konvenuta dehrilha li kien hemm xi oggett mibjugh lilha li kien difettuz hija kellha rimedji ohra, li ma jaqghux taht il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.  Is-socjeta’ konvenuta ghalkemm thossha aggravata bil-bejgh ta’ dan il-*printer* li kienet d’altronde diga’ hallset kellha alternattivi ohra quddiem qorti ta’ kompetenza ohra.

It-Tribunal ra li s-socjeta’ konvenuta kienet giet ipprezentata ittra ufficjali fis-somma tat-talba izda t-tentattiv ta’ hlas da parti tas-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici ma kienx fl-ammont kollu mitlub u kien biss fis-somma ta’ seba’ mija wiehed u disghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€791.41).

It-Tribunal jidhirlu li wara li sema' w evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, s-socjeta' konvenuta ma kienetx gabet il-prova tal-hlas tat-talba li tirraprezenta merkanzija konsinjata u mibjugha lilha bejn it-22 ta' Settembru, 2008 u l-24 ta' Settembru, 2009, hlief ghal tentattiv li taghmel hlas ta' parti minnha ghaliex is-socjeta'konvenuta irriteniet illi hija kellha d-dritt li zzomm lura l-pagament tal-*printer* fis-somma ta' mitejn tlieta u ghoxrin ewro u erbgha centezmi (€223,04). Illi hija l-fehma tat-Tribunal li jekk is-socjeta' dehrilha li l-oggett mibjugh lilha u mhallas minnha kellu xi difetti hija kellha rimedji ohra skont il-ligi.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

Spejjez tal-kawza sopportati tlett kwarti mis-socjeta' konvenuta u kwart mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------